



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs

Single Market Enforcement

Notification of Regulatory Barriers

In-Numru tan-Notifika : 2020/0605/DK (Denmark)

Abbozz ta' Ordni dwar it-tikkettar u l-imballaġġ ta' sostituti tat-tabakk

Data tal-wasla : 30/09/2020

Tmiem tal-Waqfien : 31/12/2020 (closed)

Message

Messaġġ 002

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2020) 03573

Direttiva (UE) 2015/1535

Traduzzjoni tal-messaġġ 001

Notifika: 2020/0605/DK

No abre el plazo - Nezhajuje odklady - Fristerne indledes ikke - Kein Fristbeginn - Viivituste perioodi ei avata - Καμμία έναρξη προθεσμίας - Does not open the delays - N'ouvre pas de délais - Non fa decorrere la mora - Neietekmē atlikšanu - Atidėjimai nepradedami - Nem nyitja meg a késéset - Ma' jiftaħx il-perijodi ta' dawmien - Geen termijnbegin - Nie otwiera opóźnień - Não inicia o prazo - Neotvorī oneskorenia - Ne uvaja zamud - Määräaika ei ala tästä - Inleder ingen frist - He ce предвижда период на прекъсване - Nu deschide perioadele de stagnare - Nu deschide perioadele de stagnare.

(MSG: 202003573.MT)

1. MSG 002 IND 2020 0605 DK MT 30-09-2020 DK NOTIF

2. DK

3A. Erhvervsstyrelsen

Langelinie alle 17

2100 København Ø

e-mail: notifikationer@erst.dk

3B. Sundheds- og Ældreministeriet

Holbergsgade 6

1057 København K

email: sum@sum.dk

4. 2020/0605/DK - S00S

5. Abbozz ta' Ordni dwar it-tikkettar u l-imballaġġ ta' sostituti tat-tabakk

6. S00S - SAĦĦA, TAGĦMIR MEDIKU

7. -

8. l-Ordni, fuq il-bażi tar-regoli applikabbli għall-

prodotti tat-tabakk, tistabbilixxi regoli għall-imballaġġ, it-tikkettar u t-twissijiet tas-saħħa fuq sostituti tat-tabakk.

Għalhekk tistabbilixxi, fost aspetti oħra, regoli li l-pakketti individwali ta' sostituti tat-tabakk għandhom ikunu mmarkati bl-informazzjoni dwar l-ingredjenti kollha li qegħdin fil-prodott, indikazzjoni tal-kontenut tan-nikotina tal-prodott, numru



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

tal-lott u rakkomandazzjoni li għandhom jinżammu 'il bogħod mit-tfal.

Barra minn hekk, tistabbilixxi, fost aspetti oħra, regoli li jistipulaw li l-pakketti individwali u kwalunkwe imballaġġ ta' barra m'għandux ikollhom elementi jew karatteristiċi li jipromwovu sostitut tat-tabakk.

Għat-twissija tas-saħħa b'mod partikolari, ġew introdotti regoli dwar il-kliem, il-forma u t-tqegħid, li jinkludu l-użu tat-tipa u d-daqs.

9. L-Ordni hija bbażata fuq abbozz ta' liġi li jimplimenta ftehim fuq pjan ta' azzjoni nazzjonali kontra t-tipjip mit-tfal u miż-żgħażaġħ miftiehem fit-18 ta' Diċembru 2019 bejn il-Gvern (Demokratiċi Soċjali) u Venstre (Partit Liberali Daniż), Radikale Venstre (Partit Liberali Soċjali Daniż), Socialistisk Folkeparti (Partit Popolari Soċjalista), Enhedslisten (Alleanza Ħamra-Ħadra), Det Konservative Folkeparti (Partit Popolari Konservattiv) u Alternativet (l-Alternattiva). Il-Ftehim jinkludi firxa wiesgħa ta' inizjattivi maħsubin sabiex iwaqqfu u jipprevjenu t-tipjip u d-dipendenza fuq in-nikotina fost it-tfal u ż-żgħażaġħ, u l-ftehim jimplimenta numru ta' inizjattivi li assoċjazzjonijiet ta' pazjenti u professjonisti ħeġġew għal bosta snin.

Mal-proposta, il-Ministeru tas-Saħħa Daniż jenfasizza li t-tipjip jagħmel ħsara kbira lis-saħħa. Huwa l-kombinament ta' dawn l-inizjattivi kollha li għandhom effettivament jikkontribwixxu sabiex jitnaqqas il-proporzjon taż-żgħażaġħ li jpejpu fid-Danimarka u fit-tul jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-inugwaljanza fis-saħħa.

10. Referenza/i għat-test(i) bażiku/bażiċi: L-Ordni tinħareġ fuq il-bażi ta' § 19 a(2) u § 22 c tal-Att dwar il-prodotti tat-tabakk, eċċ. (ara l-Ordni Nru 965 tas-26 ta' Awwissu 2019, kif emendata minn § 2 tal-Att Nru xx tal-xx 2020, [abbozz ta' liġi li għadu mhux adottat])

11. Le

12. -

13. Le

14. Le

15. Iva

16. Aspett WTO

Le - l-abbozz mhuwiex regolament tekniku jew proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità.

Aspett SPS

Le - l-abbozz mhuwiex miżura sanitarja jew fitosanitarja.

Il-Kummissjoni Ewropea

Direttiva tal-Pont ta' kuntatt (UE) 2015/1535

Fax: +32 229 98043

email: grow-dir2015-1535-central@ec.europa.eu